MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-30 ta' April, 2015

Citazzjoni Numru. 946/1997/1

L-Avukat Dottor Louis **GALEA**

vs

Etienne **ST. JOHN** u Felix Aġius bħala l-persuni responsabbli mix-xandir tal-aħbarijiet ta' l-istazzjon televiżiv u dak tar-radju '*Super One (1)*' rispettivament

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fid-29 ta' April, 1997, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li l-Qorti (a) issib li xandiriet magħmula waqt bullettini tal-aħbarijiet fi programmi televiżivi u radjufoniċi matul ix-xahar ta' April, 1997, u li tagħhom l-imħarrkin kienu rispettivment responsabbli kienu libellużi u malafamanti fil-konfront tiegħu filwaqt li jikxfuh għad-disprezz u r-redikolu tal-pubbliku; u (b) tikkundanna lill-imħarrkin iħallsuh id-danni li l-Qorti jogħġobha tillikwida favurih għall-finijiet tal-artikolu 28 tal-Kapitolu 248 tal-Liġijiet ta' Malta. Talab ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrkin fl-20 ta' April,1998, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi ċaħdu li x-xandiriet, rapporti u reklami li dwarhom l-attur fetaħ il-kawża kienu b'xi mod libellużi fil-konfront tiegħu. Żiedu jgħidu li l-fatti msemmija huma rapportaġġ ġurnalistiku fidil u sħiħ dwar kwestjonijiet ta' interess pubbliku u li huma aċċettabbli f'soċjeta' demokratika, u dan kemm taħt il-liġi tal-istampa u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Libertajiet Fundamentali u d-Drittijiet tal-Bniedem. Żiedu jgħidu li x-xandiriet li minnhom jilminta l-attur huwa reġistrazzjoni fidila ta' intervisti li saru ma' persuna mdaħħla fi kwestjoni ta' interess pubbliku. Eċċepew li x-xandiriet huma mħarsa bil-privileġġ għall-finijiet tal-artikoli 12A u 33(b) u 33(d) tal-Kapitolu 248 tal-Liġijiet ta' Malta kif miżjuda bl-Att X tal-1996. Temmew jgħidu li safejn il-ktieb (li dwaru x-xandiriet kienu jagħmlu reklam) fih xi kummenti, dawn ukoll jikkonsistu f'kumment ġust dwar kwestjonijiet ta' interess pubbliku u li huma aċċettabbli f'soċjeta' demokratika u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Libertajiet Fundamentali u d-Drittijiet tal-Bniedem;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-30 ta' April, 1998[1], li bih tat żmien lill-attur biex iressaq ix-xhieda tiegħu bil-meżż ta' affidavit u bagħtet il-kawża biex tinstema' minn imħallef ieħor;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-24 ta' Jannar, 2000[2] li bih ħalliet il-kawża *sine die*;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-3 ta' Mejju, 2000[3], li biha u wara talba magħmula mill-attur b'rikors tiegħu tal-24 ta' April, 2000, reġgħet qegħdet il-kawża għas-smigħ;

Rat ix-xhieda mressqa mill-attur bil-mezz tal-affidavit fit-8 ta' Mejju, 2000[4] u n-Nota tiegħu tat-2 ta' Mejju, 2000[5], bid-dokumenti mehmużin magħha;

Rat ix-xhieda mogħtija mill-partijiet quddiem il-Qorti diversament presjeduta;

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' Mejju, 2003[6], li bih tat lill-partijiet żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fl-1 ta' Diċembru, 2003[7];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fis-26 ta' Jannar, 2004[8], bi tweġiba għal dik tal-attur;

[1] Paġ. 20 tal-proċess
[2] Paġ. 28 tal-proċess
[3] Paġ. 50 tal-proċess
[4] Paġġ. 53 –5 tal-proċess
[5] Paġġ. 33 sa 41 tal-proċess
[6] Paġ. 172 tal-proċess
[7] Paġġ. 175 – 193 tal-proċess

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża dwar libell dwar il-fama tal-persuna. L-attur jgħid li hu kien libellat u malafamat b'xandiriet kemm f'bullettini tal-aħbarijiet u kif ukoll reklami li xxandru b'mezzi televiżivi u radjufoniċi u li għalihom jgħid li l-imħarrkin kienu responsabbli. L-attur qiegħed jitlob is-sejbien ta' ħtija ta' malafama min-naħa tal-imħarrkin u l-kundanna tagħhom għall-ħlas tad-danni għaliex jgħid li fl-imsemmija xandiriet kien ġie assoċjat ma' attivita' kriminali u bi ksur tal-liġi bla ma dan kien minnu u liema kummenti saru bi ħsieb li jnaqqsulu l-ġieh li huwa jgawdi man-nies jew jikxfuh għad-disprezz tagħhom;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrkin laqgħu billi ċaħdu li x-xandiriet, rapporti u reklami li dwarhom l-attur fetaħ il-kawża kienu b'xi mod libellużi fil-konfront tiegħu. Żiedu jgħidu li l-fatti msemmija huma rapportaġġ ġurnalistiku fidil u sħiħ dwar kwestjonijiet ta' interess pubbliku u li huma aċċettabbli f'soċjeta' demokratika, u dan kemm taħt il-liġi tal-istampa u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Libertajiet Fundamentali u d-Drittijiet tal-Bniedem. Żiedu jgħidu li x-xandiriet li minnhom jilminta l-attur huwa reġistrazzjoni fidila ta' intervisti li saru ma' persuna mdaħħla fi

[8] Paġġ. 194 sa 204 tal-proċess

kwestjoni ta’ interess pubbliku. Eċċepew li x-xandiriet huma mħarsa bil-privileġġ għall-finijiet tal-artikoli 12A u 33(b) u 33(d) tal-Kapitolu 248 tal-Liġijiet ta’ Malta kif miżjuda bl-Att X tal-1996. Temmew jgħidu li safejn il-ktieb (li dwaru x-xandiriet kienu jagħmlu reklam) fih xi kummenti, dawn ukoll jikkonsistu f’kumment ġust dwar kwestjonijiet ta’ interess pubbliku u li huma aċċettabbli f’soċjeta’ demokratika u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Libertajiet Fundamentali u d-Drittijiet tal-Bniedem;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-attur kien membru tal-Kamra tar-Rappreżentanti u jservi bħala Ministru tal-Gvern sa mill-1987. Fil-leġislatura bejn l-1992 u l-1996 kien iservi bħala Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Politika Soċjali u, f’xi żmien, ukoll Ministru tal-Intern. Huwa baqa’ jservi bħala deputat fil-Kamra tar-Rappreżentanti fiż-żmien tax-xandiriet mertu ta’ din il-kawża;

Illi matul ix-xahar ta’ April tal-1997[9], ixxandru reklami u kif ukoll “*items*” ta’ aħbarijiet waqt xandiriet televiżivi ta’ “*Super One Television*” u kif ukoll xandiriet radjufoniċi fuq “*Radio Super One*” marbuta mat-tnedija ta’ pubblikazzjoni ta’ ktieb dwar “djarju” miżmum minn persuna barranija li jitkellem dwar attivita’ kriminali marbuta mat-traffikar tad-droga f’Malta u nies allegatament imdaħħlin f’din l-attivita’. Il-ktieb kellu jitnieda fl-1 ta’ Mejju, 1997;

Illi fiż-żmien tal-imsemmija xandiriet, l-imħarrkin kienu, rispettivament, editur tal-istazzjoni televiżiv imsemmi u tal-istazzjoni tar-radju msemmi[10];

Illi l-attur fetaħ il-kawża fid-29 ta’ April, 1997. L-għada li fetaħ il-kawża, kiteb lill-Kap Eżekuttiv tal-Awtorita’ tax-Xandir biex jitolbu jżomm (jikkonserva) “kopja awtentika u ċara ta’ kull silta radjufonika u televisiva

[9] Ara Dok “LG1”, f’paġġ. 34 sa 41 tal-proċess
[10] Dokti “LG3”, u “SGT”, f’paġġ. 68 u 154 tal-proċess

minn kull xandira fejn jissemma d-Djarju ta' Ciro Del Negro" u biex tali kopji jinżammu f'ordni kronoloġika[11];

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbuta mal-każ, il-Qorti jidhrilha li jixraq tirrileva li l-mod ta' kif l-attur jgħid li sarlu l-libell kien permezz ta' xandiriet u mhux ta' kitba. Minbarra dan, ix-xandiriet kienu kemm bil-mezz radjufoniku u kif ukoll bil-mezz televiżiv. Mid-dokumenti mressqin mal-Att taċ-Ċitazzjoni jidher li, fil-biċċa l-kbira minnhom, il-kontenut tax-xandira radjufonika u dik televiżiva kellhom l-istess kontenut, ħlief li f'dawk televiżivi kienu akkompanjati b'filmati bi xbihat ġeneriċi jew ta' wħud mill-persuni li jissemmew. Mid-dokumenti li l-Qorti fliet, joħroġ ukoll li l-kontenut tax-xandiriet ma kienx jirreferi għall-attur biss, iżda għal bosta persuni oħrajn (uħud imsemmija b'isimhom, u oħrajn bil-kariga jew bil-konnessjonijiet tagħhom ma' persuni pubbliċi);

Illi konsiderazzjoni oħra li l-Qorti jidhrilha xieraq tagħmel hi li x-xandiriet li dwarhom l-attur ressaq il-kawża tiegħu kienu l-aktar marbutin mal-pubblikazzjoni ta' artikli f'ġurnal partikolari b'rabta ma' ktieb li kellu joħroġ aktar tard dak ix-xahar u bħala promozzjoni jew reklamar għalih. Kemm hu hekk, is-siltiet li jifformaw il-mertu tal-azzjoni tal-attur huma maħsuba li jħajru lil min kien qiegħed jisma' jew jara x-xandira biex jitħajjar jaqra l-ġurnal u jixtri l-ktieb;

Illi siewi li wieħed iżomm quddiem għajnejh ukoll l-isfond tal-kwestjoni li għandha quddiemha. Il-każ tal-lum jirrigwarda xandiriet televiżivi u radjufoniċi f'qafas ta' kontroversja politika li, fiż-żmien li qamet, kienet qajmet interess pubbliku konsiderevoli . Minbarra dan, il-każ jirrigwarda lment ta' malafama dwar persuna li, fiż-żmien tax-xandira, kienet (u sa żmien twil wara kienet għadha) figura politika ewlenija f'Malta u żżomm karigi esekuttivi ministerjali;

[11] Dok "KA2", f'paġġ. 86 – 92 tal-proċess

Illi ma hemmx dubju li għal żmien twil ilu jingħad b'tifsira tat-tħaddim tal-liġi fir-rigward, li fejn jidħol il-qasam tal-amministrazzjoni pubblika jew politika[12], il-grad ta' kritika dwar persuna imdaħħla f'dak il-qasam huwa wieħed wiesgħa u jista' jkun aħrax u qawwi, imbasta ma jkunx imbuttat minn animu ta' ħażen maħsub biss li jagħmel ħsara[13];

Illi issa li saru dawn l-osservazzjonijiet, il-Qorti tqis li għandha tibda billi tistħarreġ ir-**raba' eċċezzjoni** tal-imħarrkin qabel ma tgħaddi biex tistħarreġ il-mertu. Dan qiegħed jingħad għaliex l-imsemmija eċċezzjoni tinvoka l-pubblikazzjoni jew xandira privileġġata. Jekk din l-eċċezzjoni tirriżulta mistħoqqa, tista' tolqot jew saħansitra toqtol l-azzjoni attriċi. L-imħarrkin isejsu din l-eċċezzjoni tagħhom fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 12A u 33(b) u (d) tal-Att dwar l-Istampa;

Illi għal dak li jirrigwarda l-artikolu 12A, dan jittratta dwar privileġġ kwalifikat u jagħti difiża lil min ikun responsabbli għall-pubblikazzjoni (li, skond it-tifsira mogħtija lil dik il-kelma mil-liġi, tgħodd fiha wkoll xandir bi xbiha viżwali) li juri li t-tagħrif pubblikat kien jikkonsisti f'rapport preċiż ta' diskors li sar f'avveniment pubbliku importanti minn persuna identifikata u li kienet taf jew raġonevolment setgħet tkun taf jew tistenna li dak li tgħid sejjer ikun pubblikat f'xi mezz ta' xandir u li dik il-pubblikazzjoni kienet raġonevolment ġustifikabbli f'soċjeta' demokratika;

Illi minn qari tal-artikolu msemmi, il-Qorti ma tarax kif l-imħarrkin jistgħu jinqdew bih fir-rigward tar-riklami u t-trasmissjonijiet mertu tal-każ. Dan qiegħed jingħad għaliex ix-xandiriet mertu ta' din il-kawża ma kinux, fil-fehma tal-Qorti, jikkonsistu f'rapport preċiż ta' diskors li sar f'avveniment pubbliku importanti. L-aktar li jista' jingħad hu li xi siltiet li huma l-mertu ta' l-azzjoni attriċi jirreferu għall-kontenut ta' intervista li persuna għamlet ma' awtur ta' ktieb u ġurnalist jew dikjarazzjonijiet privati li l-istess persuna għamlet ma' ġurnal dwar ċirkostanzi personali, u għalhekk l-imsemmi artikolu tal-liġi ma jgħoddx għal każ bħal dak;

---

[12] Ara, b'eżempju, App. Ċiv. **23.4.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Alfred Sant vs Arnold Cassola et*** u App. Ċiv. **16.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Joseph M. Fenech vs Louis Cauchi et***

[13] App. Ċiv. **1.2.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech Adami et vs Vella et*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.172**)

Illi f'dak li jirrigwarda l-privileġġ assolut taħt l-artikolu 33, l-imħarrkin jistrieħu fuq id-dispożizzjonijiet tas-sub-inċiż (b) u s-sub-inċiż (d) tiegħu. Dawn jirreferu għal pubblikazzjonijiet li jikkonsistu f'komunikazzjonijiet bejn uffiċjali pubbliċi jew bejn uffiċjali pubbliċi u kuntratturi jew uffiċjali ta' korporazzjonijiet pubbliċi, jew rapporti ta' inkjesti magħmula skond kull liġi, jew dikjarazzjonijiet ta' uffiċjali pubbliċi magħmula b'bona fidi f'ċerti ċirkostanzi hemm imfissra.  Jirreferu wkoll għal pubblikazzjonijiet ta' rapporti ta' proċedimenti f'qorti;

Illi għal dak li jirrigwarda l-artikolu 33(b) tal-Att dwar l-Istampa hawn ukoll ma jidhirx li l-eċċezzjoni tal-imħarrkin tista' tintlaqa' għaliex ix-xandiriet li dwarhom jilminta l-attur ma jikkwalifikaw bl-ebda mod bħala komunikazzjonijiet bejn il-persuni jew dwar ir-rapporti li jissemmew f'dak is-sub-inċiż;

Illi l-imħarrkin jistrieħu wkoll fuq dak li jipprovdi l-artikolu 33(d) tal-Kap 248.  Hawn ukoll, l-ebda waħda mix-xandiriet li dwarha l-attur fetaħ il-kawża tiegħu ma tikkonsist f'rapport ta' proċediment f'qorti (għalkemm f'xi bnadi jissemmew proċedimenti li kellhom jinkludu s-sejħa b'xhud tal-persuna li kienet għamlet l-intervista mal-awtur tal-ktieb).  Huwa magħruf li l-privileġġ marbut ma' din l-għamla ta' pubblikazzjoni jgħodd biss għal tagħrif bħal dak u jekk fix-xandira jkun hemm xi kontenut li ma jkunx instiltet minn rapportaġġ bħal dak, ma tiritx b'daqshekk biss il-kwalita' ta' pubblikazzjoni privileġġata;

Illi f'dan ir-rigward ingħad li "*for privilege to apply, report 'must be strictly confined to the actual proceedings in court, and must contain no defamatory observations or comments from any quarter whatever, in addition to what forms strictly and properly the legal proceedings'.  This is true if, for example, the report contains comment inextricably mixed with what happened in court or remarks plainly unconnected with the*

*proceedings*"[14]. F'każ ta' kumment bħal dan, u sakemm ikun wieħed ġust ta' dak li jkun sar fil-proċediment quddiem qorti, l-aktar li jista' jingħad hu li dak huwa kumment ġust, iżda mhux kumment imħares bil-privileġġ;

Illi safejn l-azzjoni tal-attur f'din il-kawża tinbena fuq l-allegazzjonijiet marbutin ma' xi sehem li huwa seta' kellu mad-dħul u t-traffikar f'Malta ta' droga, il-Qorti ma sabet l-ebda att jew dokument tul il-ktieb kollu inkriminat li jagħmel minn xi proċediment ta' qorti u li jista' jingħad li jagħti ħarsien taħt il-privileġġ dwar dak li ġie mxandar;

Illi għalhekk, il-Qorti ma ssibx li r-raba' eċċezzjoni hija tajba u mhijiex sejra tilqagħha;

Illi għal dak li jirrigwarda **l-ilment tal-attur fil-mertu u l-eċċezzjonijiet tal-imħarrkin** dwaru, il-Qorti tqis li hija marbuta li tqis ix-xandiriet li l-attur innifsu għażel bħala dawk li, skond hu, jikkostitwixxu l-malafama. Dan qiegħed jingħad għaliex iż-żewġ partijiet għamlu l-argument li l-aħjar apprezzament li din il-Qorti tista' tagħmel tal-każ hu billi tara x-xandiriet fil-qafas tal-ġrajjiet li kienu għaddejjin f'dak iż-żmien. Filwaqt li l-Qorti tifhem li xandira ma titqiesx fl-astratt u li l-qies xieraq ta' pubblikazzjoni jew xandira jrid isir b'riferenza għall-pubblikazzjoni kollha, fl-istess waqt il-Qorti tista' timxi biss fuq dak li jitressaq quddiemha u fil-parametri tal-azzjoni attriċi. Dan qiegħed jingħad għaliex mis-sottomissjonijiet tal-partijiet infushom, il-Qorti setgħet tara li ssemmew ġrajjiet oħrajn (b'mod partikolari dwar il-ktieb li nħareġ dwar id-djarju u l-intervista ta' Del Negro) li dwarhom ma tressqu l-ebda provi f'din il-kawża. Minbarra dan, minħabba li dawk il-kwestjonijiet u dik il-pubblikazzjoni u pubblikazzjonijiet oħrajn kienu jifformaw il-mertu ta' kawżi oħrajn li l-attur fetaħ fl-istess żmien kontra ħaddieħor, din il-Qorti ma tarax li jkun xieraq li tistħarreġ kwestjonijiet li diġa' kienu mistħarrġa f'dawk il-proċeduri u li dwarhom setgħu ngħataw deċiżjonijiet li għalqu l-istess kwestjonijiet;

---

[14] Gatley On Libel & Slander (10th Edit, 2004) § 13.43

Illi f'din il-kawża, l-attur jitkellem dwar tmien (8) xandiriet partikolari jew siltiet minnhom. Għall- finijiet ta' prattiċita' l-Qorti sejra tqishom flimkien, u dan għaliex diġa' ngħad li wħud minnhom ixxandru kemm f'xandira radjufonika u kemm b'trasmissjoni televiżiva. Minbarra dan, kemm fl-Att taċ-Ċitazzjoni u kif ukoll fl-affidavit[15], l-attur jirreferi għal xandiriet f'dati speċifiċi – u jiġifieri, dawk tal-5, s-6, t-12 (tnejn), it-13, id-19 (tnejn) u l-20 ta' April, 1997. Fid-dokumenti mressqa minnu, madankollu, huwa żied xandira ta' data oħra, iżda ladarba din tirreferi għal data li mhijiex fost dawk li jissemmew fl-Att taċ-Ċitazzjoni, il-Qorti mhijiex sejra tqisha;

Illi l-ewwel xandira (5 ta' April) kienet riklam għal artiklu li kellu jidher f'ħarġa tal- ġurnal '*Kullħadd*' tal-għada . F'dan ir-riklam jissemma l-attur bħala ħu wieħed minn bosta persuni msemmija li bħala "*ismijiet ta' politiċi Maltin u persuni qrib tagħhom liema persuni oħra involuti fit-traffikar tad-droga*". Jingħad ukoll li l-ġurnal imsemmi kien ilu jistħarreġ "*ir-rabtiet bejn il-politiċi u persuni mdaħħla fit-traffikar tad-droga sa minn Novembru 1993*";

Illi t-tieni xandira (6 ta' April) kienet *item* fil-bullettin tal-aħbarijiet ta' dakinhar fuq l-istazzjonijiet immexxija mill-imħarrkin. F'dik ix-xandira jerġgħu jsiru r-riferenzi msemmija lejliet u reġa' ssemma' l-attur fost in-nies involuti;

Illi t-tielet xandira (12 ta' April) hija reklam, imma ma ssir l-ebda riferenza fih għall-attur u jissemma biss uffiċċju fil-Mosta;

Illi r-raba' xandira (12 ta' April) huwa sura ta' riklam waqt bullettin tal-aħbarijiet li fih jitħabbar li l-imsemmi ġurnal tal-għada kien sejjer ikompli jippubblika tagħrif dwar l-istorja li kien beda jxandar minnha l-ġimgħa ta' qabel. Hawn ukoll, isem l-attur ma jidher imkien;

[15] Paġ. 53 tal-proċess

Illi l-ħames xandira (13 ta’ April) huwa *item* mill-bullettin tal-aħbarijiet ta’ dakinhar li kien iġib rapport tal-artiklu li deher fil-ġurnal dakinar u fejn l-attur jissemma b’rabta ma’ x’kien jiġri f’uffiċċju fil-Mosta. Fost in-nies li jissemmew hemm “*Norman Beżżina li t-taljan jgħid li kien jitkellem f’isem l-ex Ministru Nazzjonalista Louis Galea*”. Issir riferenza għal investigazzjoni li l-Gvern tal-ġurnata iddikjara li kien sejjer jagħmel “*dwar traffikar tad-droga minn membri ta’ delegazzjonijiet ministerjali fiż-żmien Gvern Nazzjonalista*”;

Illi s-sitt xandira (19 ta’ April) hija riklam ieħor dwar il-ħarġa ta’ artiklu ieħor fl-imsemmi ġurnal tal-għada u li fih, fost oħrajn jerġa’ jissemma l-attur meta jingħad li “*le persone piu’ nominate da parte di Etienne Gatt. Sono appunto il ministro Louis Galea, abitante a Siggiewi...*”;

Illi s-seba’ xandira (19 ta’ April) huwa sura ta’ riklam waqt bullettin tal-aħbarijiet li kien iħabbar il-ħruġ ta’ ktieb tal-intervista li Ciro Del Negro kien ta lil ġurnalist u kif dan kien kixef miegħu “*li d-droga kienet qed tidħol Malta ma’ delegazzjonijiet ministerjali fl-amministrazzjoni preċedenti*” u jfisser ukoll li l-Pulizija kienu qabdu minn idejn Del Negro “*id-djarju tiegħu bl-ismijiet ta’ uħud minn dawk li kienu Ministri Nazzjonalisti*”. L-attur ma jissemmiex b’ismu. Madankollu, l-istess bullettin ġab stqarrijiet għall-istampa maħruġa mill-attur u minn żewġ ex-ministri oħrajn li lkoll ċaħdu li kellhom x’jaqsmu mal-abbużi u t-traffikar tad-droga li jissemmew fl-imsemmija intervista;

Illi t-tmien xandira (20 ta’ April) huwa *item* mill-bullettin tal-aħbarijiet li ġab sunt ta’ x’kien ippubblika l-ġurnal ‘*Kullħadd*’ ta’ dakinhar b’rabta mal-istorja tal-intervista ta’ Del Negro. Fih tissemma “*d-droga li kienet tidħol f’Malta ma’ nies mibgħutin fuq missjonijiet mill-Gvern Nazzjonalista li kienu jgħaddu mill-VIP Lounge*”. L-attur ma jissemma mkien b’ismu;

Illi l-attur fisser liema partijiet mix-xandiriet imsemmija kien iqis bħala partikolarment malafamanti fir-rigward tiegħu u li kienu jżeffnuh f'ċirku ta' attivita' illegali li jqis li kienet iddgħajjef l-integrita' u l-fama li huwa kien igawdi man-nies u l-fiduċja li l-poplu kien mistenni juri fih bħala Deputat Parlamentari u Ministru tal-Gvern. Huwa jgħid li hemm frażijiet u kliem imxerrda max-xandiriet li jolqtuh b'mod partikolari u li meta jittieħdu fir-rabta tagħhom iwasslu biex toħroġ stampa ċara ta' allegazzjonijiet li jimmalafamawh b'"mod gravi ferm"[16]. Huwa jqis li dan l-attakk li sar fuqu, minbarra li msejjes fuq fabrikazzjoni ta' falsita', jikkostitwixxi nsult għall-ħidma sfiqa li hu kien għamel fil-qasam tal-ġlieda kontra t-tixrid tad-droga f'Malta u l-istrutturi maħluqa għar-ri-abilitazzjoni ta' dawk li jaqgħu fil-vizzju;

Illi min-naħa tagħhom, l-imħarrkin jisħqu li l-attur naqas li jopprova l-każ tiegħu u dan billi jgħidu li naqas li jressaq l-aħjar prova u qagħad biss fuq l-ilment tiegħu ukoll jekk taħt ġurament. Huma jgħidu li fl-ebda waħda mix-xandiriet mertu tal-kawża tal-lum ma għamlu xi allegazzjoni determinata dwar l-attur u li biha semmiegħ ordinarju jista' jasal għall-fehma li l-attur kien tabilħaqq imdaħħal f'xi attivita' illegali b'rabta mat-traffikar tad-droga;

Illi huma jargumentaw li fejn jissemma isem l-attur dan sar biss fir-rapportar ta' siltiet mill-ktieb fejn ikun issemma ismu, u dan għaliex huma irrapportaw fedelment dawk is-siltiet. Rabtu dan l-argument billi tennew aktar minn darba li l-attur huwa personaġġ politiku u l-ġrajja li xxandret kienet waħda li qanqlet f'Malta interess pubbliku kbir. Huwa sewwasew minħabba dan l-interess li jgħidu li ma setgħet issir l-ebda sarima biex issikket dak li kien qiegħed jirriżulta u li kienet titlob li t-trasparenza u l-ħelsien tal-espressjoni jservu bħala l-garanzija waħdanija biex toħroġ il-verita'. Fid-dawl ta' dan l-argument huma jgħidu li l-pubblikazzjoni tal-ktieb ma kenitx xi ħlieqa tal-immaġinazzjoni imma verita' attwali u x-xandir tar-reklami dwar l-istess ktieb u l-mod kif saru kien mistħoqq u li wieħed jifhem il-ħtieġa tiegħu;

[16] Xhieda tiegħu 18.1.2001, f'paġ. 65 tal-proċess

Illi wara li jressqu argument imtenni u mirqum dwar il-jedd tal-espressjoni ħielsa u tal-liberta' tal-istampa[17], l-imħarrkin jgħidu li biex jitqies li nkisret il-liġi ma kienx biżżejjed li l-attur ikun ħa għalih għaliex xiħadd semmih waqt xi xandira jew f'pubblikazzjoni oħra. Minn hemm, imbagħad, jgħaddu għall-argument li dak li xandru kien jikkostitwixxi kumment ġust;

Illi l-Qorti tibda biex tqis li l-għażla tal-prova titħalla fil-partijiet f'kawża. L-attur ressaq traskrizzjoni tax-xandiriet li huwa qies li kienu jagħtuh isem ħażin u jillibellawh, u ħalef b'ġurament iċ-ċaħda tiegħu li huwa tabilħaqq kien imdaħħal jew b'xi mod implikat fil-ġrajjiet li jissemmew fix-xandiriet. F'dan ir-rigward, il-Qorti ma jidhrilhiex li l-attur naqas mill-prova xierqa. Ma huwiex mistenni li persuna li tħossha aggravata b'dak li jingħad dwarha f'pubblikazzjoni ttella' b'xhud persuni biex jgħidu x'ħasbu jew x'daħlilhom f'moħħhom meta qraw il-pubblikazzjoni jew semgħu x-xandira. Dak huwa eżerċizzju li trid tagħmlu l-Qorti billi tinqeda bil-kriterji li ilhom stabiliti s-snin meta tiġi biex tqis jekk tabilħaqq pubblikazzjoni jew xandira kinux libellużi fil-konfront ta' persuna. Min-naħa l-oħra, ix-xilja tal-imħarrkin tikkuntrasta sewwa mal-fatt li wieħed minnhom biss offra x-xhieda tiegħu u din kienet x'aktarx waħda vaga għaliex saret żmien sewwa wara l-fatti;

Illi dwar l-aspett tad-difiża tal-kumment ġust ilu żmien jingħad mill-Qrati tagħna li, biex id-difiża tal-kumment ġust tkun tgħodd, jeħtieġ li min jistrieħ fuqha jseħħlu juri li (a) l-kumment kien imsejjes fuq fatt li jkun issemma fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq l-ilment; (b) il-fatt imsemmi jrid ikun sostanzjalment minnu; (ċ) il-kumment irid jintwera li jkun ġustifikabbli jew mistħoqq; (d) il-kumment irid ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żebliħ, tgħajjir jew insolenza; u (e) irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u li l-pubblikazzjoni ta' dik il-fehma ma saritx b'ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa' lil dak li jkun[18]. Il-Qorti tifhem li din il-linja ta' interpretazzjoni meħuda mill-Qrati Maltin tista' titqies bħala rigoruża u stretta, meta mqabbla mal-fehmiet ta' awtoritajiet jew duttrina

[17] Nota ta' sottomissjonijiet tagħhom f'paġġ. 198 – 202 tal-proċess
[18] Ara App. Ċiv. **27.4.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Lino Debono vs Saviour Balzan***

evoluta fl-aħħar żminijiet[19], l-iżjed fejn jidħol l-aspett tal-fatti li jsawru jew jagħtu l-bidu għall-kumment li jkun sar;

Illi jidher li mhux dejjem inżammet distinta d-differenza bejn l-eċċezzjoni tal-verita' tal-fatti u dik tal-kumment ġust, illi, għalkemm joqorbu lejn xulxin, jintgħarfu l-waħda mill-oħra wkoll għall-elementi essenzjali tagħhom, b'mod partikolari fejn jidħol il-fattur tal-fatti fl-artikolu jew fix-xandira impunjati[20]. B'dan il-mod huwa aċċettat li "*a writer may not suggest or invent facts, or adopt as true the untrue statements of fact made by others, and then comment on them on the assumption that they are true. If the facts upon which the comment purports to be made do not exist, the defence of fair comment must fail. Comment based on matters of opinion only, which may or may not be true, equally affords no defence*"[21];

Illi ma jistax jonqos li l-kwestjoni tal-lum iddaħħal ukoll il-konsiderazzjoni tal-bilanċ li jrid jintlaħaq bejn il-jedd tal-espressjoni ħielsa kif imħarsa fil-liġi tagħna u dak mhux anqas siewi tal-ħarsien tal-privatezza tal-persuna u l-ġieh u l-fama li mistennija li jitħarsu fl-istess jedd. Kemm hu hekk, id-difiża tal-kumment ġust fi ħwejjeġ li jolqtu l-interess pubbliku hija mxebbha mat-tarka nnifisha tal-jedd tal-espressjoni ħielsa. Il-linja ta' kejl li l-liġi tagħti hi li "*all should be able to comment freely, and even harshly, so long as they do so honestly and without malice*"[22]. Minbarra dan, l-interess pubbliku huwa aspett essenzjali għat-tressiq tad-difiża tal-kumment ġust[23];

Illi l-Qorti tagħraf li biex il-fatti allegati jkunu sostanzjalment minnhom, ma huwiex meħtieġ li kull fatt li jissemma jrid ikun eżattament minnu. Saħansitra huwa permess ukoll li xi pubblikazzjoni maħsuba li tikkritika lil xi ħaddieħor ikun fiha xi element ta' fatt li ma jkunux ġew ippruvati. Iżda,

---

[19] Ara, b'eżempju, Gatley on Libel & Slander (10th Edit, 2004), §§ 12.7 – 12. 14
[20] Ara, P.A. **6.5.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Eddie Fenech Adami vs Dr. Alfred Sant*** (mhix pubblikata) u App. Inf. **13.3.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Cachia Caruana vs Dr. Anġlu Farruġia***
[21] *Op. cit.* § 12.14
[22] *Op. cit.* § 12.1
[23] *Op. cit.* § 12.27

fejn il-fatt allegat huwa determinanti u ewlieni għall-finijiet tal-istess pubblikazzjoni, in-nuqqas tal-prova ta' dak il-fatt jew jekk jintwera li l-fatt allegat ma jkunx minnu jew li saħansitra jaddebita lill-persuna mġarrba bit-twettiq ta' reat, hemmhekk tkun saret malafama[24];

Illi minbarra dan, jekk kemm-il darba l-Qorti tasal għall-fehma li l-malafama teżisti fi mqar waħda minn fost bosta siltiet li bihom il-parti attriċi tħossha malafamata, l-azzjoni tal-libell tkun waslet fil-mira tagħha għaliex jekk b'dik il-malafama l-ġieh tal-persuna mġarrba jkun tnaqqar, ma jiswiex wisq li l-bqija tal-pubblikazzjoni ma tkunx ġabitlu wkoll l-istess ħsara;

Illi dan huwa l-qafas li wieħed irid iqis bħala kuntest li fih l-imħarrkin ħallew li jsiru l-kummenti inkriminati fix-xandiriet li minnhom jilminta l-attur. Biex iżżid ma' dan kollu, mbagħad, hemm l-aspett ta' attwalita' tal-kumment, ladarba sar fil-qalba ta' kampanja pubblika b'toni għolja politiċi li ftit taż-żmien wara kellha titlob il-verdett tal-elettorat. Wieħed irid jagħraf l-argument tal-imħarrkin li s-suċċess miksub mill-attur fl-elezzjonijiet ġenerali li nżammu matul is-sena ta' wara x-xandiriet tmieri għal kollox l-ilment tiegħu li l-istess xandiriet naqqsu l-istima u l-ġieh li huwa kien igawdi mal-elettorat;

Illi huwa mistenni li, meta titqajjem id-difiża tal-kumment ġust imsejjes fuq fatti sostanzjalment minnhom, il-kumment li jsir jingħaraf mill-fatti li fuqhom jistrieħ. Kif ingħad, "*comment in order to be justifiable as fair comment must appear as comment and must not be so mixed up with the facts that the reader cannot distinguish between what is report and what is comment ... Any matter, therefore, which does not indicate with a reasonable clearness that it purports to be comment, and not statement of fact, cannot be protected by the plea of fair comment*"[25];

[24] App. Ċiv. **27.4.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Mifsud vs Daphne Caruana Galizia*** (mhix pubblikata)
[25] Fletcher-Moulton L.J fil-kawża ***Hunt vs Star Newspaper*** (**1908**) 2 K.B. 309

Illi mill-provi li tressqu f'din il-kawża, ma ħareġ bl-ebda mod li l-attur kien tabilħaqq imdaħħal f'xi xibka li torganiżża d-dħul jew it-traffikar tad-droga f'Malta. Lanqas biss intwera li min ta l-intervista lill-ġurnalist li kien ser jippubblika l-ktieb ma kien qatt iltaqa' mal-attur. Minbarra dan, 'sehem' l-attur f'din il-ġrajja kollha li qanqlet daqstant interess fost il-pubbliku ma ntwera bl-ebda mod minn min allega li kien qed jikteb fuq fatti sostanzjalment minnhom. Minbarra dan, huwa miżmum ukoll li jekk kemm-il darba l-pubblikazzjoni tkun rapport ta' kliem li minnu nnifsu huwa malafamanti, ma jiswiex lill-awtur ta' dak il-kliem li jilqa' għax-xilja ta' malafama billi jgħid li kulma għamel kien biss li tenna x'qal ħaddieħor[26]. Kemm hu hekk jingħad li "*Every republication of a libel is a new libel, and each publisher is answerable for his act to the same extent as if the calumny originated with him*"[27]. L-istess awturi jgħallmu li "*where A wrote a libellous letter to D, and D republished extracts in a pamphlet, it was held that the fact that the letter was written by A, and that D honestly believed the statements in it to be true, was no defence to an action for such republication.*" Min jirrepeti kliem diffamatorju jew inġurjuż li jkun ingħad minn ħaddieħor ma jistax jibbenefika minn ebda eżenzjoni jew tnaqqis ta' ħtija[28];

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet issib li ma tistax tilqa' **l-ħames eċċezzjoni** tal-imħarrkin billi l-kummenti magħmula fix-xandiriet ma kinux ġusti u ma kinux imsejsa fuq fatti sostanzjalment minnhom;

Illi mbagħad l-imħarrkin ressqu wkoll id-difiża tad-dritt tal-kronaka (**it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet** tagħhom) fid-dawl tal-jedd tal-espressjoni ħielsa. Fid-dawl tal-konklużjoni li l-Qorti waslet għaliha li lill-attur tabilħaqq sarulu attribuzzjonijiet li jistgħu jnaqqsulu l-ġieh tiegħu, il-Qorti trid tistħarreġ dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet flimkien;

Illi fejn għandu x'jaqsam ma' ġurnaliżmu investigattiv serju kemm il-Qrati Maltin u kif ukoll il-Qorti ta' Stasbourg jagħtu għarfien lill-fatt li l-jedd ta'

---

[26] Art. 24 tal-Kap 248
[27] Gatley *op. cit.* § 6.26
[28] App. Ċiv. **28.9.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Joe Galea vs Joe Mifsud***

kronaka mibni fuq ġurnaliżmu serju jagħti ħarsien wiesa' lill-ġurnalist taħt l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni. Dan ukoll fejn il-pubblikazzjoni tkun milquta minn xi żball jew ineżattezza ġenwina, imbasta tkun magħmula b'mod serju u prudenti fuq ħaġa ta' interess pubbliku, bla ħsieb jew mottiv ulterjuri u li l-kontenut ikun wieħed ġust ("*fair*") u li meta jkun hemm ċaħda jew spjegazzjoni ta' dak ir-rapportaġġ mill-persuna milquta bih, il-ġurnalist iġib ukoll tali ċaħda jew spjegazzjoni fl-imsemmi rapportaġġ[29];

Illi f'dan ir-rigward jinsab stabilit li "*filwaqt li ġurnal jista' jippubblika 'fatti' li jidhirlu li huma ta' interess ġenerali, dawk il-'fatti' jridu jkunu veri u seħħew tassew. Ġurnalist irid jassumi r-responsabbilita` ta' dak li jistampa, u jekk ma jinvestigax u jieħu ċans billi jirrapporta fuq l-ewwel impressjoni, irid ibati l-konsegwenzi jekk jirriżulta li jkun żbalja. Jekk ġurnalista jippubblika xi ħaġa bħala fatt, irid ikun lest li jipprova dak il-fatt, u jekk ma jirnexxielux jagħmel dan, u l-allegat 'fatt' ikun malafamanti, irid ibati l-konsegwenzi. Ġurnalist ma jistax jirrapporta bħala 'fatt' sempliċement għax 'deherlu' li hekk ikun ġara, jew għax kien taħt 'impressjoni' li dak il-fatt seħħ. ... Fil-kawża* ***Galea v. Mifsud****, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Settembru 2007, intqal li ġurnaliżmu investigattiv għandu jimmerita aktar protezzjoni u dan fl-interess tal-pubbliku in ġenerali li jkun infurmat. Intqal a propozitu li: "meta Qorti tkun rinfaċċjata b'ġurnalizmu verament investigattiv u responsabbli dwar materja ta' interess pubbliku, hija għandha tagħti marġini u latitudini mill-aktar wiesa lil min ikun kiteb jew ippubblika dak il-materjal fl-ezami ta' jekk kumment ikunx wieħed fair o meno (ara, ez.* ***Victor Pace v. Joe Azzopardi et,*** *Qorti ta' l-Appell, 8/6/2004); u wieħed jista' jmur oltre u jgħid ukoll li meta si tratta ta' tali ġurnaliżmu investigattiv u responsabbli jista' jagħti l-każ li, jekk jikkonkorru ċerti ċirkostanzi, ma jkun hemm ebda responsabbilta` għall-malafama anke jekk sussegwentement jirriżulta li xi fatt wieħed jew aktar li jkun ġie ppublikat kien inveritjer (ara s-sentenza tal-House of Lords tal-11 ta' Ottubru 2006 fl-ismijiet* ***Jameel v. Wall Street Journal Europe SPRL*** *[2006] UKHL 44; [2006] All ER (D) 132 (Oct)). ... Ġurnalist għandu dritt jippubblika dak li jqis bħala 'fatti', iżda jrid jerfa' r-responsabbilita` għal dak li jirraporta. Anke jekk ikun in bona fede, dan ma jiskulpahx f'każ ta' stqarrijiet malafamanti li ma jkunux*

[29] App. Ċiv. **26.3.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Norman Beżżina vs Joe Mifsud***

*veritjeri. Ġurnal jista' jippubblika dak li hu fatt, u mhux (dak) li jidhirlu li hu fatt. Fil-każ ta'* **Colombani and others v. France**, *deċiża mill-Qorti Ewropea, il-ġurnal in kwistjoni ġie skużat għax straħ fuq rapport investigattiv ta' terzi. Dan jattalja ma' dak li osservat il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża fuq rapportata, fejn fatti inveritjieri kontenuti f'rapport investigattiv magħmul in bona fede jistgħu jiġu skużati. Mhux l-istess jista' jingħad, pero`, fejn ġurnal jagħzel biex jippubblika dak li hu jqis bħala 'scoop' ġurnalistiku mingħajr ma jagħmel ebda verifika*"[30];

Illi l-Qorti tifhem ukoll li dak li jgħodd għal ġurnal jew gażżetta jgħodd ukoll għal kull għamla ta' pubblikazzjoni – bħalma huma x-xandiriet mertu ta' din il-kawża – li tqis li hija r-riżultat ta' ġurnaliżmu investigativ;

Illi xieraq jingħad li meta jkun qiegħed jitqies jekk teżistix limitazzjoni mistħoqqa tal-jedd tal-espressjoni ħielsa, mhux ta' min iwarrab it-twiddiba li "*post-publication sanctions may have an impact on the publication of information other than that against which they are directed because of their 'chilling effect' on those responsible for the subsequent production of other materials*"[31]. F'dan ir-rigward, il-pożizzjoni ta' ċerti kategoriji partikolari ta' persuni fil-ħajja pubblika tqieset bħala raġuni rilevanti li għaliha l-indħil jew limitazzjonijiet li l-Istat jista' jagħmel għall-jedd tal-espressjoni ħielsa għandhom jiġu mifhuma f'tifsira dejqa aktar milli wiesgħa[32]. Fost dawn il-kategoriji, ewlenija fosthom hija dik ta' persuni involuti fil-ħajja pubblika, l-iżjed dawk fil-qasam politiku, u, partikolarment, f'ċerti żminijiet waqt kampanji elettorali[33];

Illi l-Qorti tqis ukoll li ż-żamma tal-bilanċ bejn il-jedd tal-espressjoni ħielsa u l-jedd għar-riputazzjoni, l-unur u l-isem tajjeb tal-persuna hija preokkupazzjoni kruċjali li l-Qrati tagħna żammew quddiem għajnejhom f'każi ta' din l-għamla, ukoll meta ingħatat tifsira aktar liberali tal-jedd tal-espressjoni ħielsa[34]. Fil-qasam ta' proċedimenti taħt il-Liġi tal-Istampa u

[30] Kost. **16.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Aquilina noe et vs Avukat Ġenerali et***
[31] Harris, O'Boyle & Warbrick.*Law of the European Conventionon Human Rights* paġġ. 387 – 8
[32] Q.E.D.B **23.4.1992** fil-kawża ***Castells vs Spanja*** (Applik. Nru. 11798/85), §§ 42 – 3
[33] Q.E.D.B. **6.4.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Malisiewicz-Gasior vs Polonja*** (Applik. Nru. 43797/98) § 67
[34] App. Ċiv. **16.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Joseph M. Fenech vs Louis Cauchi et*** (mhix pubblikata)

kif dawn jaħbtu mal-jedd tal-espressjoni ħielsa, il-Qorti m'għandhiex għalfejn telabora, u jidher biżżejjed li tirreferi għas-sentenza li ngħatat fis-7 ta' April, 2003, mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet ***Glenn Bedingfield kontra l-Kummissarju tal-Pulizija et***[35]. li fiha ġabra sfiqa ta' prinċipji rilevanti u aġġornati tat-tifsira tajba li jmissha tingħata għall-bilanċ ta' jeddijiet hawn fuq imsemmi. Minnha joħroġ ukoll li l-limitazzjonijiet u s-sanzjonijiet maħsuba fil-liġijiet tagħna dwar l-Istampa huma meqjusa bħala meħtieġa f'soċjeta' demokratika, kif imfissra f'għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qorti ta' Strasbourg[36]. Il-Qorti tħoss li għandha żżid ukoll li l-"bilanċ" li huwa mistenni li jinżamm bejn il-jedd ta' espressjoni ħielsa u l-ħarsien tar-reputazzjoni tal-persuni privati ma jfissirx qies indaqs bejn dawn iż-żewġ interessi opposti[37]: x'aktarx li tal-ewwel jingħata piż aqwa għas-siwi tiegħu, u għalhekk il-kriterju huwa dak tal-proporzjonalita' aktar milli tal-kejl indaqs;

Illi l-kwestjoni tal-eżerċizzju tal-jedd tal-espressjoni kif manifestat fil-jedd għat-tixrid ta' tagħrif jidher li għadha miexja bi żviluppi aġġornati li jinbnew madwar il-ħsieb li aktar ma l-Istampa twettaq dmirha mingħajr il-biżgħa ta' riperkussjonijiet li jxekkluha milli twettaqhom, aktar jispikkaw il-kredenzjali demokratiċi tas-sistema ġuridiku li fiha taħdem. Kemm hu hekk, ta' min isemmi li "(*a)s well as the content of speech, its vehicle may also prove to be relevant. In this regard, the Court seems especially indulgent towards the press ... In* ***Lingens vs Austria,*** *the Court stated that the importance of free expression will be especially strong when the alleged libel is published by the established press, which is seen as having an incumbent role in the furtherance of democracy 'to impart informationand ideas on political issues just as on those in other areas of public interest'.*"[38] Dan iġib miegħu ukoll il-ħtieġa ta' Stampa matura u responsabbli, motivata mir-rieda li tinforma 'l-qarrejja u tifforma l-fehmiet tagħhom, fil-ħarsien tar-regoli tal-etika u mhux miġbuda mill-kilba għas-sensazzjonaliżmu u l-iskandlu jew mill-qadi ta' interessi partikolari fis-soċjeta';

---

[35] Kollez Vol: **LXXXVII.i.96**
[36] Ara, per eżempju, Q.E.D.B **27.6.2000** fil-kawża ***Constantinescu vs Rumanija*** (Applik.Nru. 28871/95**)** §§ 67 – 9 u Q.E.D.B.**10.6.2003** fil-kawża ***Cumpana & Mazare vs Rumanija*** (Applik. Nru. 33348/96), §§ 46 – 9
[37] Q.E.D.B. **22.2.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Barfod vs Danimarka*** (Applik. Nru. 11508/85), § 29
[38] Gatley, *op cit*, § 23.18, paġ. 735

Illi għalhekk huwa mgħallem ukoll li "*(w)here the Court views the statement as not being seriously made, in particular if published without proper research and investigation or with an improper motive, then it will not wish to protect what it views as bad journalism. It is up to journalists to establish their facts in advance*"[39];

Illi tajjeb li hawnhekk il-Qorti ssemmi l-prinċipji stabiliti f'dan ir-rigward mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f'każ li kien jolqot il-qagħda f'Malta[40]. F'dik is-sentenza ttennew il-prinċipji li ġejjin: (a) "*while freedom of expression is important for everybody, it is especially so for elected representatives of the people. They represent the electorate, draw attention to their preoccupations and defend their interests. Accordingly, interferences with their freedom of expression call for the closest scrutiny on the part of the Court. ... the press fulfils an essential function in a democratic society. Although it must not overstep certain bounds, particularly as regards the reputation and rights of others, its duty is nevertheless to impart – in a manner consistent with its obligations and responsibilities – information and ideas on all matters of public interest*"[41]; (b) "*The Court recalls that the limits of acceptable criticism are wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lay themselves open to close scrutiny of their words and deeds by journalists and the public at large, and they must consequently display a greater degree of tolerance. ... In a democratic system the actions or omissions of Government must be subject to the close scrutiny not only of the legislative and judicial authorities but also of public opinion.*"[42]; (ċ) "*The Court recalls that there is little scope under article 10§2 of the Convention for restrictions on political speech or on debate on questions of public interest. ... since the matter was of general interest to the local community, the applicants were entitled to bring it to the public's attention through the press*"[43];

[39] *Ibid.* , paġ. 737
[40] Ara Q.E.D.B. **24.4.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Lombardo & others vs Malta*** (Applik. Nru. 7333/06)
[41] *Ibid.* § 53
[42] *Ibid.* § 54
[43] *Ibid.* § 55

Illi minn dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tqis li lanqas it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet ma huma tajba u mhijiex sejra tilqagħhom;

Illi għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel talba attriċi;

Illi għal dak li jirrigwarda **t-tieni talba attriċi** jingħad li din hija konsegwenza naturali meta tintlaqa' talba dwar sejbien ta' pubblikazzjoni malafamanti. F'dan ir-rigward, il-liġi tagħti grad ta' diskrezzjoni dwar l-ammont li tista' tordna lill-parti diffamanti li tħallas lill-parti libellata. Il-liġi tqiegħed biss ammont massimu li jista' jingħata. Jidher li l-kriterju għaqli li l-Qorti għandha żżomm quddiem għajnejha huwa dak tas-sens ta' proporzjon li jqis il-fatt tal-inġurja, tal-gravita' tagħha, tal-persuna (jew il-kariga) li lejha l-inġurja hija diretta, flimkien mal-pubbliku li dik l-inġurja tkun trid tilħaq[44];

Illi fil-każ li għandha quddiemha, il-Qorti qiegħda tqis li ġie kostatat li l-fatti msemmija jew attribwiti lill-attur bl-ebda mod ma jirriżultaw, li x-xiljiet kienu dwar imġieba li tiġbor fiha għamil kriminali, minbarra li huma atti ta' abbuż minn kariga pubblika, u dan jimmerita sanzjoni qawwija, meħud kont ukoll kif dawn l-addebiti kienu saru fi żmien meta kienu għadhom iqanqlu interess u segwitu fuq skala nazzjonali. Hemm ukoll il-fatt li x-xandiriet kienu mifruxa fuq medda ta' jiem b'mod sistematiku u dożat u fil-qafas ta' tħejjija għall-pubblikazzjoni ta' ktieb li kien iwiegħed li jikxef aktar tagħrif. Hemm ukoll il-konsiderazzjoni li x-xandiriet baqgħu jsiru minkejja li l-attur ċaħad pubblikament kull indħil jew involviment tiegħu f'xi xibka ta' traffikar ta' droga f'Malta. Għalhekk, fil-limiti ta' dak li jistabilixxi l-artikolu 30 tal-kapitolu 248 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li ħadet qies tal-artikolu 28(2) tal-istess, il-Qorti qegħda tillikwida d-danni li l-imħarrkin iridu jħallsu solidalment bejniethom lill-attur fis-somma ta' ħamest elef euro (€5,000);

---

[44] P.A. **23.3.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Tonna et vs Aġius et*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.87**)

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-imħarrkin** billi mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-imħarrkin jaħtu solidalment bejniethom għall-malafama lejn l-attur bix-xandiriet televiżivi u radjufoniċi msemmija fl-Att taċ-Ċitazzjoni u dan billi attribwewlu fatti determinati li jnaqqsu l-ġieh tiegħu jew li jikxfuh għad-disprezz tal-pubbliku;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** billi tikkundanna lill-imħarrkin iħallsu flimkien u solidalment bejniethom lill-attur is-somma ta' ħamest elef euro (€ 5,000) bħala danni likwidati għall-finijiet tal-liġi minħabba l-imsemmija malafama, bl-imgħaxijiet legali b'seħħ mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv u flimkien mal-**ispejjeż tal-kawża.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------